# *Animazzjoni – Solennità Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu (Sena Ċ)*

**Dħul:**

Illum il-Knisja tagħlaq is-sena liturġika tagħha, permezz tas-solennità ta' Kristu Sultan tal-ħolqien kollu, ejjew illum inħallu lil Mulej ikun ir-Re tagħna. Nagħtu bidu għal quddiesa, filwaqt li nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fl-ewwel qari nisimgħu r-rakkont tad-dilka ta' David bħala sultan ta' Iżrael, imbgħad San Pawl jikteb l-innu ta' tifħir lil Mulej li huwa l-bidu u t-tmiem ta' kollox, fl-evanġelju naraw li Ġesù bħala r-re li t-tron tiegħu huwa s-salib. Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**Salm Responsorjali:** Sejrin ferħana f'dar il-Mulej.

**Offertorju:**

Waqt li inressqu l-offerti tagħna, noffru wkoll lil qalbna mimlija mħabba għalih, filwaqt li inkantaw flimkien.

**Tqarbin:**

F'dan il-mument se nirċievu lil Ġesù ġo fina, ejjew illum inħallu lil Ġesù jkun is-sultan ta' ħajjitna, filwaqt li nkantaw flimkien.